**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEGISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 49**

Il-HAMIS 15 TA' NOVEMBRU 2012 FIT-3.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREZENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VICI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' L-ESTIMI FINANZJARJI

i Il-Kunsill qabel li l-Estimi Finanzjarji għas-sena li ġejja jiġu diskussi f'laqgħa ad hoc.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

I Is-Sindku irreferiet għal-kaz tal-Lufthansa li kien ġie riferut lill-Prim Ministru bħala l-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Hija qrat ir-risposta li rċeviet mingħand is-Sur Charles Bonello, Segretarju Privat tal-PM datata 1 ta' Ottubru 2012 dwar din il-materja. Is-Sindku qalet mill-investigazzjoni li saret irriżulta li ma hemmx bażi fuqiex jittieħdu passi ulterjuri.

Il-Kunsillier E. Muscat qal li għandu f'idu risposta ta' PQ36814 li saret dwar "Intact Summer School in Strasbourg" u li fejn jirrigwardja Ta' Xbiex ingħad li l-Kunsill ta' Ta' Xbiex tħallas spejjes żejda f'dan ir-rigward peress li kien hemm dewmien minn naħa tal-Kunsill sabiex jinxtara l-biljett ta' l-ajru.

L-A/Segretarju Eżekuttiv qalet li dik ma kienitx ir-risposta li ta l-Kunsill lid-Dipartiment għal din il-PQ u l-kliem li kien hemm fir-risposta qed jixhet dell ikrah fuq l-istess Kunsill. Hawn hija talbet lis-Sindku biex iġib il-file bil-korrispondenza kollha biex il-Kunsill ikun jista' jara li dak li ingħad mhux minnu. Il-Kunsillieri ġew murija d-dokumenti fejn ġie kjarifikat li t-talba biex jinxtraw il-biljetti saret fil-ħin. L-A/Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li r-risposti li ngħataw dwar dan il-każ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru ma kienux jaqblu waħda ma l-oħra minkejja li kienu jittrattaw l-istess materja. Il-Kunsill qabel li l-OPM għandu jiġi nfurmat b'dan.

ii L-Agent Segretarju Ezekuttiv rreferiet għall-applikazzjoni li kienet saret mill-Kunsill dwar id-devoluzzjoni tax-Xatt u nfurmat li minkejja li ntbgħatu diversi reminders il-Kunsill ghadu ma rceva l-ebda risposta.

iii Is- Sindku infurmat li quddiem il-Knisja saret il-"keep clear" u anke twaħħal il-globuli kien hemm nieqes.

iv Il-Kunsill ġie nfurmat li l-AKL għada ma bgħatet l-ebda risposta dwar l-applikazzjoni li saret għall-Proġġett Youth in Action.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
A/Segretarju Ezekuttiv

## I PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI - ikomplu

v Is-Sindku nfurmat li r-Royal Malta Yacht Club hallsu l-pagament tal-permess li kien dovut lill-Kunsill għall-containers li tpoġġew fix-Xatt in konnesjoni mal-MiddleSea Race.

vi Il-Kunsill ġie nfurmat li ntbgħatu xi applikazzjonijiet għal-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku nfurmat li jrid jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla biex dawn jiġu analizzati.

vii Is- Sindku rreferiet ghall-iskema ta' l-ETC biex il-Kunsilli jimpjegaw persuni bi bżonnijiet speċjali u nfurmat li ntbgħatet l-applikazzjoni mill-Kunsill. Hija qalet ukoll li sussegwentament ntbaghatet il-lista ta' persuni li huma eliġibbli. Is-Sindku qalet li l-persuna mill-Lokalita' li kien bagħat is-CV u li xtaq jiġi jaħdem il-Kunsill ma kien fuq il-lista. Hija qalet ukoll li se jsir xi tibdil f'din l-iskema. Għaldaqstant gie deciz b' mod unanimu li l-Kunsill ghalissa jistenna u jara kif se jinvolvu l-affarijiet.

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Rigward il-Memo li saret id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ghajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali li ghandhom librerija pubblika, s-Sindku nfurmat li l-Kunsill applika ghal massimu ta' €500.

ii Is- Sindku nfurmat li rceviet proposta minghand il-Malta Knights Trophy biex issir Sailing Village Event. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel fil-prinċipju pero' ġie deċiż li l-permess ma joħroġx qabel ma jiġu provdut il-program u l-pjanti.

iii Il-Kunsill approva li għal żmien il-Milied terġa' ssir get together ghall-anzjani residenti f'Ta' Xbiex. Ġie deċiż li din issir nhar id-19 ta' Dicembru 2012. Il-Kunsillier E. Muscat ha l-inkarigu li jġib kwotazzjoni ta' mhux aktar minn €270 ghal 250 persuna.

iv Is-Sindku rrappurtat li saru ħafna lmenti fil-Kunsill dwar il-bins li saru taħt l-art mill-MHRA bħala parti mill-proġett tax-Xatt. Hija nfurmat li kkuntattjat lill-Ministeru kkonfernat biex dawn jieħdu azzjoni.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
A/Segretarju Ezekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

i Ġie ppreżentat ir-Rapport Finanzjarju sa l-aħħar ta' Ġunju 2012. Is-Sindku pproponiet li dan jiġi approvat. Il-Kunsillier F. Roe issekonda. Dan ġie approvat unanimament.

ii Il-Kunsill approva li jingħata lura lil Creme Caramel id-depożitu li kien għamel bħala garanzija għat-tender tal-ikel u ħelu.

iii Il-Kunsill gie nfurmat li Transport Malta approvat li jsiru double yellow lines fi Triq ix-Xatt quddiem il-Fort Mansions hekk kif talbu r-residenti.

## IV APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri. Ġie approvat ukoll il-petty cash.

Il-laqgha spiccat fis-19.30hrs u sar aġġornament għal nhar l-4 ta' Dicembru 2012 fil-5.30p.m.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
A/Segretarju Eżekuttiv